1 **MINUTI**

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 43 IT-TIENI PARTI

IL-ĦAMIS 11 TA' FRAR 2016 FIT-5.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Green MT

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-GreenMT sal-ġimgħa l-oħra kellhom jgħamlu *casing tal-*injam mal-*bring in sites*. Imma għadhom ma ġewx jgħamluhom.
Lanqas is-CCTV għadhom ma saru, imma ġejna infurmati li ser isiru fil-ġejjieni.

Il-Kunsill qabel li jgħamel kuntatt mal-kumpanija sabiex dawn isiru mingħajr aktar dewmien.

## 2. Aġġudikazzjoni *Tender* tal-Bankini.

Is-Segretarju spjega x'kienet id-deċiżjoni tal-*Public Contracts Review Board*. Il-Kunsill qabel li nsaqsu lil avukat tal-Kunsill eżatt xi tfisser il-konklużżjoni tal-appell.

Jekk din tfissirx li nagħmlu *interviews* maż-żewġ *bidder*s, jew biss mal-appellant għax huwa irħas.

Il-Kunsill qabel li d-data għall-intervista hi nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fil-ħamsa ta' wara nofsinhar.

## 3. ECAD

Waslet konferenza oħra tal-ECAD din id-darba ġewwa Norway fit-8 ta' Mejju 2016.
It-tema ta' din is-sena hi dwar x'jistgħu jgħamlu il-lokalitajiet kontra d-droga?
Is-Sindku qal li *flights* jiswew bejn wieħed u ieħor Eur500 kull persuna.

## 4. Sistema inovattiva tal-Ilma

Is-Sindku wera sistema ta' magna li tiprovdi l-ilma għax-xorb, kontra ħlas, li tista titqiegħed mal-*promenade*.

Is-Sindku għandu jġib stima ta' kemm tiswa, u nitkelmu min hemm.

## *5. Photo Competition.*

Is-Sindku propona li ssir kompetizzjoni ta' ritratt tal-lokalita.
Għandu isir bord li jevalwa dawn ir-ritratti u premju jingħata bi *sponsor*.

## 6. Rapport tal-Kunsilliera.

F Roe

- Qal li hemm bżonn issir bozza ġdida fi Triq id-Deffa k/ma Triq il-Maskli
- Hemm ħafna tabelli nieqsa ix-Xatt ta' Xbiex
- Il-bankijiet ukoll tax-Xatt għandhom bżonn *maintenance*
- Isem tat-triq ix-Xatt ta' Xbiex fejn tal-Waterpolo għanda tiġi ordnata

G Muscat

- Sabiex l-ELC isaqqu s-siġar tal-frott u żabra lill-istess siġar.
- Għandhom ukoll bżonn iduru sew is-*soft areas* mil-ħmieġ

Sindku

- Żabra siġar ta' Triq *Princess Margaret*
- Tisqija tal-*pots* li saru mal-kumpanija Piscopo Gardens.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 7.00pm

IFFIRMATA

Max Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv